MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 2248/1998/1

**Angelo Vella**

**v.**

**Michael Ciappara u b'digriet tas-16 ta' Frar 2000, giet kjamata in kawza Anne Ciappara**

**Il-Qorti:**

**<u>I IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

1. Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza fl-ismijiet premessi fit-13 ta' Ottubru 2003, li permezz taghha dik il-

Qorti laqghet it-talba ta' Angelo Vella ghal dikjarazzjoni li l-konvenut Michael Ciappara kien responsabbli ghad-danni li sofra l-attur minhabba perkolazzjoni ta' ilma f'fond ta' l-attur u ghalhekk ikkundannat lill-konvenut kif ukoll lill-kjamata fil-kawza, Anne Ciappara, biex ihallsu lill-attur is-somma ta' elf disa' mija u tnejn u ghoxrin lira (Lm1,922) bhala kumpens ghad-danni sofferti mill-istess attur – bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tac-citazzjoni. Is-sentenza ta' l-ewwel Qorti sejra tigri riprodotta kollha kemm hi peress illi fiha hemm migjuba t-talbiet ta' l-attur, l-eccezzjonijiet tal-konvenut kif ukoll tal-kjamata in kawza Anne Ciappara, martu, kif ukoll il-motivazzjoni kollha li waslet lill-ewwel Qorti biex tilqa' t-talba ta' l-attur. Is-sentenza tghid hekk:

**"Il-Qorti.**

**"Preliminari**

"Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi huwa proprjetarju tal-fond 43, St. John Street, Cospicua.

"Premess illi l-konvenut huwa proprjetarju tal-fond sottostanti ghall-fond ta' l-attur.

"Premess illi l-konvenut ricentement beda jesegwixxi xoghol ta' kostruzzjoni fil-fond proprjeta' tieghu.

"Premess illi b'konsegwenza ta' dan dahal ammont ta' ilma fil-fond ta' l-attur u b'hekk l-attur sofra danni konsistenti fi hsarat fl-istess fond, liema danni jammontaw ghal elf tmien mija u tnejn u sebghin lira Maltin (Lm1,872), kif jirrizulta mill-anness dokumenti A sa F.

"Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

"1. Tiddikjara l-konvenut huwa responsabbli ghad-dani li sofra l-attur konsistenti fi hsarat fil-fond 43, St. John Stret, Cospicua, proprjeta' tieghu, kif fuq spjegat.

“2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elf tmien mija u tnejn u sebghin lira Maltin (Lm1,872) jew somma verjuri.

“Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

“Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 38 tal-process fejn eccepixxa:

“1. Illi preliminarjament l-eccipjent m’huwiex il-legittimu kontradittur stante li tali kawza tispetta lill-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-konvenut u martu u r-rappresentanza ta’ l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti hija vestita fil-konjugi Ciappara u mhux fl-eccipjent Michael Ciappara wahdu.

“2. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju l-eccipjent ma kkawza l-ebda danni lill-attur.

“3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju jekk jirrizulta li l-attur sofra xi danni, dawn sehhew minhabba agir ta’ l-istess attur u l-konvenut ghamel dak kollu mehtieg biex l-imsemmija danni jigu evitati.

“4. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju it-talba attrici hija eccessiva.

“Rat id-digriet a fol. 49;

“Rat **in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-kjamata fil-kawza** Anne Ciappara a fol. 51 fejn eccepiet:

“1. Illi l-eccipjenti f’din il-kawza ma kkawzat l-ebda danni lill-attur;

“2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, jekk jirrizulta li l-attur sofra xi danni, dawn sehhew minhabba agir ta’ l-istess attur u l-konvenut ghamel dak kollu mehtieg biex l-imsemmija danni jigu evitati.

“3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, t-talba attrici hija eccessiva.

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

“Semghet ix-xhieda bil-gurament;

“Rat in-nota ta’ l-attur;

“Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**“KONSIDERAZZJONIJIET**

“F’dina l-kawza l-attur qed jitlob is-somma ta’ Lm1,872 danni li hu sofra b’konsegwenza ta’ dhul ta’ ammont kbir ta’ ilma fil-fond tieghu mill-fond tal-konvenut.

“Jirrizulta mill-provi li l-attur ghandu post sottostanti ghal dak tal-konvenut. Billi l-fond tal-konvenut ma kienx qed jigu mantnut sew u kien qed jidhol l-ilma ghand l-attur, il-konvenut kien iddecieda li jaqla s-saqaf ta’ tlett kmamar ta’ l-appartament tieghu u b’hekk l-attur gie skopert. L-ghada li nghala s-saqaf ghamlet maltempata u dahlet kwantita kbira ta’ ilma u ghamlet hsara fl-appartament ta’ l-attur. L-attur kellu johrog mill-post tieghu ghax kien hemm perikolu li jaqa’ s-saqaf, u dan, kif qallu l-kuntrattur imqabbad mill-konvenut.

“Il-hsara giet konfermata mill-Perit Piju Busutill li kien mar fuq il-post u hareg certifikat. Hu qal li l-hsara kienet fil-hitan, fit-tikhil u fl-ghamara li xxarbet. Kien hemm tlett ikmamar ta’ fuq li kienu qalghulhom is-saqaf. L-ilma kien dahal mis-saqaf tal-konvenut ghal ghand l-attur. L-attur garrab hsara fil-kcina, salott, wall-unit, T.V. u kull ma kien hemm imiss ma’ l-art.

“Il-konvenut qed jissottometti li hu ma kkawza ebda danni lill-attur. Izda mill-provi jirrizulta li l-konvenut kellu s-saqaf li kien perikoluz u skond il-perit kellu jinbidel. L-attur kien ilu jinsisti mal-konvenut biex jaghmel ix-xogholijiet rimedjali izda l-konvenut iddecieda li jibda x-xoghol

f'Settembru meta t-temp ta' xita kien qed javvicina. Fil-fatt l-ghada li nqala s-saqaf, ghamlet il-maltempata. L-attur ma kellu ebda kontroll meta l-konvenut kellu jibda x-xoghol.

"Skond il-Kodici Civili Art 1029

"Kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara.

"Izda imbaghad l-artikolu 1041 jipprovvdi li:

"Is-sid ta' bini jwiegeb ghall-hsara li ssir mit-tigrif tal-bini, meta dan it-tigrif jigri minhabba nuqqas ta' tiswijiet, jew minhabba difett fix-xoghol tal-bini, izda dan kemm-il darba s-sid kien jaf b'dak id-difett, jew kellu ragun jahseb li dak id-difett kien jezisti.

"Fil-kaz in ezami l-hsara ma gratx minhabba tigrif tal-bini. Izda dana l-artikolu jipprisupponi li kull sid ta' proprejta' li jkun qed jaghmel xoghol fis-sit tieghu irid jiehu dawk il-prekawzjonijiet kollha opportuni biex jigi evitat hsara lill-fond tal-gar.

"Ghalkemm fil-kaz in ezami l-konvenut ma kellu ebda kontroll fuq meta taghmel ix-xita, pero' jirrizulta li z-zmien li ghazel biex jaghmel ix-xoghol kien wiehed vicin wisq ghall-istagun tax-xita u setgha jipprevedi li minn xi gurnata ghall ohra tista' taghmel ix-xita. Il-konvenut ghalhekk kellu jiehu prekawzjonijiet ghall dina l-eventwalita, haga li ma jirrizultax li ghamel.

"Ghalkemm il-konvenut kien sab bennej biex jaghmel ix-xoghol dana beda itawwal ara fol 92 - u kien biss f'Settembru li beda jaghmel ix-xoghol.

"Jirrizulta mill-provi li l-konvenut kien jaf li s-soqfa ma kienux fi stat tajjeb ta' tiswija u li kien gie infurmat li dawn kellhom jinbidlu kemm jista' jkun malajr.

“Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenut kien responsabbili ghall hsara li giet kagjonata fil-fond ta’ l-attur minhabba dhul ta’ l-ilma mill-fond tal-konvenut. Billi dina hija spiza straordinarja li tispetta l-kommunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-konvenut u martu l-kjamata fil-kawza, din ghandha twiegeb ukoll ghad-danni reklamati mill-attur.

**“Likwidazzjoni Danni**

“L-attur talab fic-citazzjoni s-somma ta’ Lm1,872 jew somma verjuri. Hu pprezenta d-dokumenti minn fol 5 sa 11 biex jiggustifika dina t-talba. Fin-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ l-attur dina s-somma ghal danni pretizi telghet ghall Lm1,922 billi zied l-ammont ta’ Lm50 ghall kiri ta’ flat sakemm saru r-riparazzjonijiet.

“Dwar dana l-ammont il-konvenut donnu qed ighid (ara kontroezami ta’ l-attur) li l-attur ma kienx joqghod f’dana l-post izda kien juzah bhala *hobby* u ghalhekk ma kellux ghalfejn imur jikri post iehor. Fuq dana l-punt, l-attur xehed li hu kien joqghod fil-post regolari ta’ St John Street, Cospicua u dak in-nhar tal-maltempata kien fil-post. Hu kien biddel l-identity card tieghu fuq post iehor f’Marsascala wara l-incident. Ghalhekk l-ammont mitlub taht dina l-partita huwa dovut.

“L-ammonti l-ohra ma gewx kontestati mill-konvenut u l-attur ipprezenta ricevuti u stimi. Ghalhekk dawn l-ammonti huma dovuti wkoll.

**“DECIZJONI**

“Ghal dawn il-motiv il-Qorti tiddeciedi billi

“Tilqa t-talba attrici

“U tikkundanna lill-konvenut u kjamata fil-kawza ihallsu lill-attur is-somma ta’ Lm1,922.

“Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.”

**II L-APPELL**

2. Billi l-konvenut Michael Ciappara u l-kjamata in kawza Anne Ciappara hassewhom aggravati minn din is-sentenza ta' l-ewwel Qorti, huma intavolaw appell minnha quddiem din il-Qorti, b'rikors ta' l-appell li huma pprezentaw fit-3 ta' Novembru, 2003. Ghar-ragunijiet spjegati minnhom fl-istess rikors, huma talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata tat-13 ta'Ottubru 2003, u minflok tichad it-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

3. L-attur appellat intavola r-risposta ta' l-appell tieghu fit-28 ta' Lulju, 2004. Ghar-ragunijiet li spjega fl-istess risposta, huwa ssottometta li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk talab li l-appell odjern jigi michud bl-ispejjez.

**III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

4. L-attur huwa proprjetarju tal-fond 43, St. John Street, Cospicua, waqt li l-konvenut huwa l-proprjetarju tal-fond sovrastanti. Jirrizulta li s-soqfa tal-fond tal-konvenut kienu perikolanti u l-konvenut inkariga bennej biex jibdillu l-istess soqfa. Gara li dan ix-xoghol sar f'data li ma gietx precizata f'Settembru, u meta l-fond tal-konvenut kien ghandu in parti bla soqfa, ghamlet maltempata bir-rizultat li x-xita pperkolat mill-fond tal-konvenut ghall-fond ta' l-attur. L-attur jallega li sofra hsara kemm fil-fond innifsu kemm ukoll fil-mobbli li kien hemm go fih. Huwa talab rizarciment tas-somma ta' elf tmien mija u tnejn u sebghin lira (Lm1,872) ghall-istess hsara.

5. Il-konvenut kif ukoll il-kjamata in kawza kkontestaw il-kawza billi ssottomettew li huma ma kellhomx responsabilita` fuq dak li gara u subordinatament li t-talba ta' l-attur kienet wahda eccessiva.

6. L-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, ikkonkludiet li kemm il-konvenut kif ukoll martu, li giet kjamata in kawza, kienu responsabbli ghall-hsarat sofferti mill-attur. Kwantu

ghal-likwidazzjoni tad-danni, l-ewwel Qorti ziedet mas-somma ta' elf tmien mija tmienja u tnejn sebghin lira (Lm1,872) pretiza mill-attur l-ammont ta' hamsin lira (Lm50) ghal kiri ta' l-appartament da parti ta' l-attur sakemm saru r-riparazzjonijiet. L-ewwel Qorti rriteniet li l-ammonti in kwistjoni ma gewx ikkontestati mill-konvenut u ghalhekk dawk l-ammonti kienu dovuti u b'hekk illikwidat l-ammont komplessiv ta' elf disa' mija u tnejn u ghoxrin lira (Lm1,922), liema somma l-konvenut u l-kjamata in kawza gew ikkundannati jhallsu lill-attur, bl-ispejjez u bl-imghax mid-data ta' notifika tac-citazzjoni.

7. Fl-appell taghhom, l-konvenut u l-kjamata in kawza – li aktar 'il quddiem sejrin jissejhu "l-appellanti" – ressqu hames aggravji, li fil-qosor huma s-segwenti:
1. li l-ewwel Qorti marret *extra petita* ghaliex akkordat lill-attur hamsin (LM50) lira aktar mis-somma li talab fl-att tac-citazzjoni;

2. li s-sentenza appellata marret ukoll *ultra petita* ghaliex l-attur, fl-att tac-citazzjoni tieghu kien illimita ruhu ghal talba ghar-rizarciment ghall-hsarat <u>fil-fond</u> tieghu 43, St. John Street, Cospicua, u b'hekk huwa ma kienx qieghed jinkludi fl-att tac-citazzjoni l-hsara li soffrew il-mobbli tieghu;

3. li l-ewwel Qorti ma kenitx korretta meta sabet lill-appellanti responsabbli ghall-hsarat in kwistjoni ghaliex dawn graw minhabba cirkostanzi li ma kenux fil-kontroll tieghu u cioe` l-maltempata;

4. li l-attur ma kienx gustifikat li jixtri ghamara gdida meta huwa ma gab l-ebda prova li l-ghamara li kellu fil-fond giet danneggjata b'tali mod u manjiera li hija kienet ghar-rimi; u

5. li t-talba ghad-danni fir-rigward ta' l-ghamara ma tistax issehh ukoll ghaliex l-attur ma raddx lura l-ghamara allegatament danneggjata jew ta' l-anqas ghadda ghad-depozitu gudizzarju ta' l-istess ghamara danneggjata.

8. Din il-Qorti sejra tibda biex tikkonsidra t-tielet aggravju ta’ l-appellanti li jaqra hekk:
“ghandu jinghad illi mill-provi ghandu jirrizulta wkoll illi l-konvenut appellant ghamel hiltu kollha biex jibdel dan is-saqaf u kien biss minhabba cirkostanzi li ma kienux fil-kontroll tieghu u cioe` l-maltempata, li sehh dak li sehh. Il-konvenut appellanti kien qed jigi ppressat biex jirranga s-soqfa. Di piu` il-konvenuti appellanti kienu infurmaw lill-attur appellat illi kienu fi hsiebhom jibdew ix-xogholijiet u ghalhekk kien ukoll l-obbligu ta’ l-attur appellat illi jiehu l-prekawzjonijiet necessarji sabiex jimminimizza d-danni.”

9. Fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, dan l-aggravju ma huwiex gustifikat. Huwa veru li l-hsara sofferta mill-attur appellat grat minhabba l-perkolazzjoni ta’ l-ilma tax-xita f’maltempata li sehhet ftit wara li nqalghu s-soqfa. Huwa veru wkoll li din ic-cirkostanza ma kenitx fil-kontroll tal-konvenut. Madankollu, wiehed ma jistax jghid li l-hsara li sofra l-attur grat minhabba accident jew forza magguri ghaliex kien il-konvenut stess li ghazel li jaqla’ s-soqfa fix-xahar ta’ Settembru, meta kulhadd jaf li f’dan ix-xahar jibda l-istagun tax-xita. Fil-fehma konsiderata tal-Qorti l-konvenut ha riskju verament zejjed meta ghazel li jaghmel ix-xogholijiet fis-soqfa tieghu f’Settembru, meta dawn ix-xogholijiet seta’ ghamilhom b’riskju ferm anqas ta’ hsara ghal terzi persuni fix-xhur precedenti tas-sajf. L-ewwel Qorti dahlet fil-fond fil-kwistjoni tar-responsabbiltia` u din il-Qorti ma ghandha xejn aktar ta’ utilita` xi zzid ma’ dak li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilta` tal-hsara. Ghalhekk dan it-tielet aggravju espost fir-rikors ta’ l-appell mill-appellanti qed jigi michud.

10. Imiss issa li jigi kkunsidrat l-aggravju enumerat bhala t-tieni wiehed fir-rikors ta’ l-appell ta’ l-appellanti. B’dan l-aggravju l-appellanti qeghdin jallegaw li l-ewwel Qorti marret *ultra petita* ghaliex fic-citazzjoni tieghu l-attur kien qieghed jitlob dikjarazzjoni li l-appellanti huma responsabbli ghad-danni li sofra l-attur appellat “konsistenti fi hsarat fil-fond 43, St. John Street, Cospicua, proprjeta` tieghu”. L-appellanti ssottomettew li kien jidher car li c-citazzjoni kienet cirkoskritta ghad-danni li seta’ l-

attur sofra biss fil-proprjeta` mmobbli tieghu u cioe` fl-imsemmi fond, u cioe` ghalhekk, kif formolata t-talba fic-citazzjoni, din kienet limitata ghad-danni "fil-fond" u mhux fil-mobbli li kien hemm fih. L-appellanti ziedu jghidu li l-ewwel Qorti injorat kompletament din il-limitazzjoni li kienet tezisti fic-citazzjoni ta' l-attur u akkordat danni kemm fil-konfront tal-proprjeta` mmobbiljari ta' l-attur kif ukoll fl-ghamara tieghu. L-ewwel Qorti marret *extra petita* ghaliex ddecidiet dwar danni fl-ghamara meta dawn ma kenux inkluzi fit-talbiet fic-citazzjoni ta' l-attur appellat.

11. Anke dan l-aggravju ma jistax jintlalqa' minn din il-Qorti. Dan ghaliex nonostante li c-citazzjoni ta' l-attur saret b'termini telegrafici ghall-ahhar, kien jidher car li meta l-attur uza l-espressjoni "fil-fond" huwa kien qieghed jintendi "gewwa l-fond" u cioe` kien jinkludi kemm il-gebla kif ukoll il-kontenut tal-proprjeta` tieghu. Dan kien jidher car mill-bidunett tal-kawza ghaliex ma' l-att tac-citazzjoni esebixxa diversi dokumenti li esplicitament kienu jirreferu ghall-mobbli. Inoltre, ghandu jinghad li dan l-aggravju jqajjem kontestazzjoni li ma gietx sollevata quddiem l-ewwel Qorti. Din il-kontestazzjoni, se mai kien messha saret b'eccezzjoni *ad hoc* quddiem l-ewwel Qorti u l-fatt li dan ma sarx ifisser li l-appellanti huma prekluzi milli jqajjmu din l-eccezzjoni gdida quddiem din il-Qorti ta' revizjoni.

12. L-ewwel aggravju kontenut fir-rikors ta' l-appell ta' l-appellanti, jallega li l-ewwel Qorti marret *extra petita* meta kkundannat lill-appellanti addirittura aktar mill-ammont imsemmi fit-talba ta' l-attur. Dan ghaliex l-attur talab rizarciment tad-danni fl-ammont ta' elf tmien mija u tnejn u sebghin lira (Lm1,872) waqt li l-ewwel Qorti akkordatlu r-rizarciment fl-ammont ta' elf disa' mija tnejn u ghoxrin lira (Lm1,922).

13. Fl-att tac-citazzjoni l-attur talab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' elf tmien mija u tnejn u sebghin lira (Lm1,872) u zied il-frazi "jew somma verjuri". L-appellat fir-risposta tieghu jghid illi huwa nesa parti zghira pero` importanti fid-danni li sofra. Jghid ukoll li fil-mument li giet intavolata l-kawza huwa ma kellux f'idejh l-ircevuta tal-kera tal-fond alternattiv, kien ghalhekk li

ghamel it-talba b'dak il-mod. Izid jghid li fil-mori tal-kawza giet esebita ricevuta ta' hamsin lira u kien ghalhekk li l-ewwel Qorti kkundannat lill-konvenut ihallas is-somma komplessiva ta' elf disa' mija u tnejn u ghoxrin lira (Lm1,922).

14. Din il-Qorti sejra tilqa' dan l-aggravju ghar-raguni primarja li l-att tac-citazzjoni ma jindika bl-ebda mod, la fil-premessi u lanqas fit-talbiet, li l-attur kien sofra danni konsistenti fil-hlas ta' kera ghal xi residenza alternattiva. Ghandu jinghad ukoll li ghalkemm huwa veru li l-attur ikkonferma bil-gurament tieghu li hallas hamsin lira ghal dan l-iskop pero` ma huwa veru xejn li huwa esebixxa ricevuta ta' hamsin lira li qieghed jallega fir-risposta ta' l-appell tieghu. Ghalhekk, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti ma kenitx korretta meta akkordat somma ulterjuri ta' hamsin lira, nonostante li partita bhal din ma kenitx tirrientra strettament fil-parametri tac-citazzjoni. Ghalhekk l-appellanti ghandhom ragun meta sostnew li s-sentenza appellata marret aktar 'l hinn mit-talba kontenuta fl-att tac-citazzjoni. Konsegwentement, din is-somma ta' hamsin lira ma ghandhiex tiffigura fir-rizarciment tad-danni dovuti lill-attur.

15. L-ahhar zewg aggravji ta' l-appellanti jistghu jigu trattati flimkien. Sostanzjalment bihom l-appellanti qeghdin jallegaw li l-attur ma gabx prova sodisfacenti tal-hsara li saret fil-mobbli bl-ilma tax-xita. Ma gabx prova sodisfacenti li l-ghamara kellha bzonn tinbidel u li kien hemm bzonn li tigi sostitwita b'ghamara li tinxtara gdida. L-appellanti jsostnu wkoll li l-pretensjoni ta' l-attur ghar-rizarciment tad-danni fl-ghamara ma tistax tirnexxi ghaliex huwa ma setax jixtri ghamara gdida u fl-istess hin jibqa' jzomm l-ghamara dannegjata. L-appellanti sostnew li l-attur kellu jew irodd l-ghamara danneggjata jew inkella jghaddi ghad-depozitu gudizzjarju taghha. L-appellanti sostnew li l-attur ma gab l-ebda prova li l-ghamara giet danneggjata b'tali mod u manjiera illi kienet tajba biss "ghar-rimi". L-appellanti rrimarkaw ukoll li meta l-ewwel Qorti akkordata rizarciment tad-danni lill-attur konsistenti fil-prezz ta' ghamara gdida li xtara u fl-istess hin hija ppermettietlu li jibqa' jzomm l-ghamara danneggjata.

Ghall-appellanti dan kien ifisser li l-ewwel Qorti kienet qeghda tippermetti arrikkiment indebitu ta' l-istess attur appellat bi pregiduzzju u a skapitu ta' l-appellanti.

16. Dan l-aggravju huwa in parti gustifikat. Ma' l-att tac-citazzjoni l-attur ipprezenta diversi dokumenti (ara dokument A sa dokument F a fol. 5 sa 10 tal-process). It-total ta' l-ammonti li jidhru f'dawn id-dokumenti huwa precizament is-somma ta' elf tmien mija u tmienja u sebghin lira (Lm1,878) mitluba mill-attur bhala danni fl-att tac-citazzjoni. L-ewwel Qorti meta ghaddiet biex tillikwida d-danni, semplicement ikkummentat hekk:
"L-ammonti l-ohra ma gewx kontestati mill-konvenut u l-attur ipprezenta ricevuti u stimi. Ghalhekk dawn l-ammonti huma dovuti wkoll."

Din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel Qorti qatghet ghad-dritt wisq u tista' tghid injorat ghal kollox ir-raba' eccezzjoni tal-konvenut u t-tielet eccezzjoni tal-kjamata in kawza u cioe` li t-talba attrici kienet wahda eccessiva. Ma hemmx dubju li l-piz tal-prova kien fuq spallejn l-attur li kellu jipprova sodisfacentement il-kwalita` u l-kwantita` tal-hsara li garrbet fil-proprjeta` tieghu, kif ukoll kemm swiet fi flus biex l-istess hsara tigi riparata. Certament fil-process hemm bidu ta' prova, jekk xejn guramentata mix-xiehda ta' l-attur. Madankollu l-provi li ressaq l-attur huma telegrafici izzejjed. Hekk per ezempju, ghalkemm jirrizulta li l-attur inkariga lill-perit Piju Busuttil biex jezamina l-hsara li kien hemm fil-post (ara fol. 46) u ghalkemm l-istess perit meta xehed (ara fol. 60) fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2000, huwa qal li kien hareg certifikat, madanakollu dan ic-ceritifikat baqa' qatt ma gie esebit fl-atti. L-istess haga grat fil-konfront tar-rapport ta' Christopher Hayes. L-affidavit ta' l-attur, precizament a fol. 46 jinghad hekk:
"Kont gibt ukoll is-surveyor Christ Hayes biex jaghmel survey tal-hsara li kelli fl-ghamara."
Ghalkemm l-attur hareg ingunzjonijiet diversi drabi lil dan ix-xhud biex jixhed fil-kawza, pero` spicca biex qatt ma pproducih u wisq anqas ma pproduca s-survey report li suppost gie mhejji minn dan is-surveyor. Certament, ic-certifikati ta' dawn iz-zewg persuni cioe` l-Perit Busuttil u Christopher Hayes kien ikunu ferm importanti biex

jistabilixxu b’certa precizjoni l-kwalita` u l-kwantita` kif ukoll il-valur tal-hsara li saret bil-perkolazzjoni ta’ l-ilma tax-xita fil-proprjeta` ta’ l-attur. Din il-lakuna fil-provi ta’ l-attur lanqas ma mtliet bix-xiehda ta’ l-attur stess jew tax-xhieda l-ohra li ressaq fil-kawza. Dawn kollha xehdu bl-aktar mod konciz u telegrafiku b’mod li fil-process wiehed ma jistax korrettement jghid li hemm prova sodisfacenti u preciza tal-hsara allegata u partikolarment li l-ghamara kien hemm bzonn li tinbidel kollha kemm hi u tigi sostitwita b’ghamara gdida fjamanta. Ta’ min jirrileva wkoll illi d-dokumenti li huma deskritti fl-*affidavit* ta’ l-attur kif ukoll fil-lista ta’ dokumenti a fol. 4 tal-process bhala “ircevuti” madankollu d-dokument A, C u E rispettivament a fol. 5, 7 u 9 tal-process ma huma ricevuti xejn billi huma semplici *quotations*. Dawn il-*quotations* jindikaw ammont komplessiv ta’ elf tlett mija u hamsa u tletin lira. Johrog mix-xiehda ta’ l-attur, li l-istess attur huwa propens li jesagera. Infatti, fl-*affidavit* tieghu a fol. 45 huwa jikkonferma bil-gurament tieghu li dakinhar tal-maltempata l-art imtliet kollha bl-ilma u fi ftit hin kien hemm <u>sitt pulzieri ilma</u> kullimkien allavolja huwa fetah il-bieb ta’ barra u beda jixkupa l-ilma ’l barra. Meta l-attur xehed quddiem l-ewwel Qorti fid-19 ta’ April 2002, apparentment nesa x’kien xehed fl-*affidavit* imsemmi ghaliex a fol. 89 huwa stqarr li fid-dar tieghu kellu <u>pied u nofs ilma</u>. Minn dak li ntqal sa issa jirrizulta li din il-Qorti li ghalkemm l-attur ghamel prova approssimattiva fuq fuq tal-hsara li sofra bl-ilma li dahallu mill-proprjeta` ta’ l-appellanti pero` huwa ma rnexxielux jaghmel sodisfacentment il-prova ta’ l-ammont shih li qed jitlob fl-att tac-citazzjoni. Ghalhekk, l-aggravju ta’ l-appellanti huwa in parti gustifikat. F’sitwazzjoni bhal din, meta ghadda tant zmien mill-akkadut, din il-Qorti jidhrilha illi l-likwidazzjoni tad-danni ghandha ssir minnha stess fuq il-bazi ta’ ex *aequo et bono* u billi tuza d-diskrezzjoni li taghtiha l-ligi bil-kriterju ta’ l-*arbitrio boni viri*. Din il-Qorti jidhrilha a bazi ta’ dan il-kriterju li d-danni dovuti lill-attur ghandhom ikunu nofs dawk pretizi minnu fic-citazzjoni u cioe` s-somma ta’ disa’ mija u sitta u tletin lira (Lm936). Ikun gust ukoll li din is-somma tithallas lill-attur bl-imghax min-notifika tac-citazzjoni, li ghall-fini ta’ dan l-aspett ghandha tkun id-data tat-18 ta’ Novembru, 1998.

17. Ghal dawn il-motivi tilqa’ in parte u fis-sens premess l-appell, b’hekk tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu biha intlaqghet l-ewwel talba ta’ l-attur li bis-sahha taghha l-appellanti gew dikjarati responsabbli ghad-danni li sofra l-attur appellat fil-proprjeta` tieghu msemmija fl-att tac-citazzjoni u tirrevokaha fejn laqghet it-tieni talba ta’ l-attur u fejn ikkunndannat lill-konvenut u l-kjamata fil-kawza biex ihallsu lill-attur s-somma ta’ elf disa’ mija u tnejn u ghoxrin lira (Lm1,922) u minflok tikkundanna lill-appellanti li jhallsu lill-attur appellat is-somma ta’ disa’ mija u sitta u tletin lira Maltin (Lm936) bl-imghax kif fuq intqal. Fic-cirkostanzi hemm lok ukoll ghal temperament fil-kap ta’ l-ispejjez. Ghalhekk tordna li l-ispejjez kollha tal-kawza cioe` dawk ta’ l-ewwel u ta’ din it-tieni stanza ghandhom jigu sopportati kwantu ghal terz (1/3) mill-attur appellat u kwantu ghar-rimanenti zewg terzi (2/3) mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------